**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : 10**
**Appell Nru: 123/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Anthony Cassar )**

**Vs**

**JOSEPH BONGAILAS**

**Illum, 22 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Joseph Bongalias talli fl-10 ta'Dicembru, 2000, ghal habta tal-5.30 p.m., innega lill-Annunzjata w Joan Bongailas il-pussess tal-fond bin-numru 37, 'Moses House', Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug, fejn huma kienu qedin joqghodu u fejn huma ghandhom il-propjeta' kollha taghhom, dan sabiex jezercita jedd minghajr ma hemm l-ebda sentenza mill-Qorti ta'Malta li taghtih dan l-istess dritt u jedd, u qieghed ghalhekk, kontra l-ligi, ifixxkel lill-Annunzjata w Joan Bongailas fil-pussess ta'hwejjighom.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 19 ta'Gunju, 2001, li biha sabet lill-Joseph

Bongailas hati ta' din l-akkuza w kkundannatu ghal hamsin lira Maltin (Lm50) Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Joseph Bongailas datat 21 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull akkuza, htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-akkuza migjuba kontra l-appellant hi kjarament dik ta' *ragion fattasi* taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma erba, kif diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna, u cioe', (**1**) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor, (**2**) il-kredenza li l-att qieghed isir b'esercizzju ta'dritt, (**3**) il-koxjenza fl-agent li hu qed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika, u (**4**) in-nuqqas ta'titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Mela dan l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess,ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga.

Issa fil-kaz prezenti, l-appellant jissottometti li l-ewwel element ta' dan ir-reat huwa nieqes ghaliex meta hu biddel ic-cavetta tal-fond fejn sa dik in-nhar, u ghal diversi snin, kienu jirrisjedu l-ex mara tieghu u binthom Joan Bongailas,

dawn ta' l-ahhar, il-kwerelanti ma kienx ghad ghandhom il-pussess tal-fond in kwistjoni. Hu jissottometti li dik in-nhar li ghamel dan l-att, kien propju dik in-nhar li gie dikjarat null b'mod effettiv u definittiv iz-zwieg tieghu ma'Annunzjata Spiteri. Hu jghid li gja' la darba l-effett ta' dan kien ifisser li z-zwieg taghhom qatt ma ezista, allura, b'effett minn dik in-nhar hu setgha jaghmel dak li effettivament ghamel l-ghaliex sa dik in-nhar hu kien qed ihallihom joqghodu f'dik id-dar parafernali tieghu fuq mera tolleranza, u taht ebda titolu iehor.

Issa l-fatti huma cari hafna f'dan il-kaz u ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tirrepetihom. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni. Apparti dan l-ewwel element ta' dan ir-reat, ma hemm ebda dubju li fil-kaz in ezami, it-tlett rekwiziti l-ohra jirrizultaw ampjament.

Indubjament il-provi, anke 'ex admissis' mill-istess appellant, juru li hekk kienu ic-cirkostanzi. Anke jekk, u dan ghall-grazzja ta' l-argument biss, hu minnu li l-kwerelanti kienu qed jabitaw fil-fond in kwistjoni fuq mera tolleranza, dan il-fatt wahdu, din il-koncessjoni da parti ta' l-appellant, hu bizzejjed biex juri li kellhom id-dgawdija ( u allura l-pussess ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap.9 ) ta' dak il-fond. Dan ifisser li, ghall-anqas mill-aspett tad-dritt penali, huma qatt ma setghu jigu nnegati dan id-dritt ta'dgawdija bil-mod kif ghamel l-appellant, cioe' minghajr ma jirrikorri ghall-mezzi li taghtih il-ligi biex jizgombra lill-kwerelanti minn hwejjgu, u minflok, arbitrarjament jaghti lilu nnifsu dan id-dritt li jinnega dan l-uzu jew dgawdija lill-haddiehor li dan il-haddiehor indubjament kellu fuq dak il-fond. L-ewwel Qorti, ghalhekk, kellha kull ragun legalment, u anke ragjonevolment, li in bazi tal-provi li hemm hi setghet tiddeciedi kif fil-fatt iddecidiet.

Il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna ma' l-appellant, u tista' timmagina dak kollu li kien ghaddej minnu fiz-zmienijiet in kwistjoni. Izda, dawn ic-cirkostanzi, ghalkemm mill-aspett uman forsi jistghu jaghtu ragun lill-appellant talli agixxa kif agixxa appena gie konfermat l-annullament taz-zwieg tieghu, mill-banda l-

ohra ma jezonerawhx mir-responsabilita' kriminali ghal dan l-agir tieghu. Huma cirkostanzi li, fil-fehma tal-Qorti, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta tigi biex tara x'inhi l-piena adegwata. Anzi, fil-kaz in ezami, il-Qorti tasal biex tghid li fil-fehma taghha dawn huma cirkostanzi li minhabba fihom tara li ma jkunx jaqbel jew opportun li timponi piena fuq l-appellant, dan ai termini ta' l-Artikolu 9 (1) tal-Kap. 152.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tiddisponi minn dan l-appell ta'Joseph Bongailas billi filwaqt li qed tichdu ghal dak li jikkoncerna s-sejbien u dikjarazzjoni ta' htija fih mill-ewwel Qorti, u ghalhekk, qed tikkonferma dik id-decizjoni, qed tirrevoka w thassar il-parti tas-sentenza appellata fejn imponiet piena ta' hamsin lira Maltin (LM50) Multa, u minflok, tiddeciedi li minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tillibera lill-appellant taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 (1)  tal-Kap. 152 minghajr ebda kundizzjoni.

Aldo Testone
Deputat Registratur